MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 215/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Barnet Zammit Tabona**
***-- omissis --***

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Barnet Zammit Tabona (li gie originaljament indikat bhala “Arthur” flok “Anthony Barnet”) u Henry Gerada Azzopardi talli fl-10 ta’ Frar 2007 ghall-habta tal-5. 00 pm gewwa Triq Tal-Balal, San Gwann (**1**) ingurjaw jew heddew lil Carmelo Pisani, John Briffa u Victor Briffa bil-kliem, u (**2**) volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat l-azzjoni

fil-konfront kemm ta' Zammit Tabona kif ukoll Gerada Azzopardi preskritta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tat-12 ta' Ottubru 2007, 2 ta' Novembru 2007 kif ukoll tal-lum; ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li l-appellat Henry Gerada Azzopardi baqa' ma giex notifikat bl-avviz tas-smigh ta' dana l-appell peress li, skond ma giet infurmata l-Ufficjal Ezekuttiv tal-Qorti Rita Galea meta din marret biex tinnotifikah, hu jahdem barra minn Malta. Ghalhekk, fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2007 l-Avukat Generali talab is-separazzjoni tal-gudizzju, talba li din il-Qorti akkordat. L-appell qieghed ghalhekk ikompli biss fil-konfront ta' Anthony Barnet Zammit Tabona.

L-azzjoni fil-konfront ta' Zammit Tabona giet dikjarata preskritta ghax, skond l-ewwel qorti, n-notifika ma saritx fil-hin: *"stante li n-notifika hi tardiva tiddikjara l-procedura bhala preskritta"*[1]. Issa, f'dan il-kaz, l-incident allegatament sehh fl-10 ta' Frar 2007. Ic-citazzjoni ggib id-data tal-15 ta' Frar 2007 – ghalkemm dana l-fatt, cioe` d-data tac-citazzjoni, fih innifsu f'dan il-kaz huwa ta' importanza marginali. Dak li hu verament importanti hu dak li sehh fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2007 kif dettaljatament registrat mill-istess Qorti Inferjuri:

**"Meta ssejhat il-kawza deher l-ufficjal prosekutur. Dehru l-imputati debitament assistiti minn Dr. Caruana Galizia. L-Ufficjal Prosekutur jitlob korrezzjoni fis-sens li isem l-imputat numru wiehed ghandu jaqra Anthony Barnet minflok Arthur. Il-Qorti**

[1] Ara l-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2007, fol. 6. Is-sentenza dattiloskritta (fol. 10) ma tirriproducix, sfortunatament, il-motivazzjoni li wiehed isisb fil-verbal tal-qorti; kullma tghid is-sentenza, wara li tirriproduci l-imputazzjonijiet, hu: "Tiddikjara z-zewg (2) imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront taz-zewg (2) imputati Arthur Zammit Tabona flimkien ma' Henry Gerada Azzopardi, bhala preskritti."

**tilqa' t-talba u tordna n-notifika mill-gdid. Dr Caruana Galizia jeccepixxi l-preskrizzjoni. Xehed bil-gurament Henry Gerada Azzopardi. Dr. Caruana Galizia ghan-nom ta' Henry Gerada Azzopardi** [2] **in vista tax-xhieda ta' Henry Gerada Azzopardi eccepixxa l-preskrizzjoni fil-konfront tieghu.**

**"Il-Prosekuzzjoni tissottometti li l-imputazzjoni mhix preskritta minhabba li in kwantu tal-ko-imputat Henry Gerada Azzopardi n-notifika saret gewwa d-dar fejn ikun qed jghix hawn Malta meta jkun hawn Malta kif jidher mil-komparixxi u inoltre il-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-imputat Anthony Barnet Zammit Tabona giet miksura fid-dawl ta' l-Artikolu 693(4) tal-Kapitolu 9.**

**"Il-Qorti rat ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tad-difiza; rat ir-risposta ta' l-Ufficjal Prosekutur u tiddeciedi s-segwenti: 1. Fil-konfront ta' l-imputat Zammit Tabona, stante li n-notifika hi tardiva tiddikjara l-procedura bhala preskritta; 2. Fil-konfront ta' l-imputat Gerada Azzopardi, jirrizulta mix-xhieda u mid-dokument ezibit li l-komparixxi relattiva thalliet ma' certu Gaells Allen f'residenza ta' l-imputat. Jirrizulta li l-imputat fid-data tan-notifika *de quo* kien f'pajjix iehor membru tal-Kommunita` Ewropea. Jirrizulta wkoll li l-imsemmi Allen kien biss turist f'Malta u m'ghandu ebda rabta ma' l-imputat Gerada Azzopardi. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis in-notifika bhala li mhix valida u tilqa t-talba tad-difiza u tiddikjara li l-kawza fil-konfront tieghu hija preskritta wkoll."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif inghad, dak li jinteressa lil din il-Qorti issa huwa biss id-dikjarazzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni fir-rigward ta' Zammit Tabona. Din l-azzjoni giet dikjarata estinta fil-konfront tieghu mhux ghax hu ma kienx gie notifikat entro l-periodu ta' tlett xhur mid-data tal-allegat incident – trattandosi hawn ta' imputazzjonijiet li jipotizzaw

[2] Hawnhekk il-verbal certament fih zball peress li hemm registrat "…ghan-nom ta' Heny Caruana Galizia…".

kontravvenzjoni, il-periodu preskrittiv hu ta' tlett xhur mill-10 ta' Frar 2007 – izda ghax il-qorti, wara li fis-17 ta' Mejju 2007 ingibditilha l-attenzjoni mill-prosekuzzjoni li isem Zammit Tabona ma kienx "Arthur", kif originarjament indikat fic-citazzjoni, izda "Anthony Barnet", u wara li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni, l-ewwel qorti "ordnat in-notifika mill-gdid". L-ewwel qorti, ghalhekk, ikkonkludiet li galadarba n-notifika mill-gdid kienet ser issir fis-17 ta' Mejju 2007 jew wara dik id-data, it-tlett xhur mill-10 ta' Frar 2007 kienu, skond il-kalendarju Gregorjan, skadew b'sebat ijiem. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, f'dan il-kaz ma kien hemm bzonn ta' ebda notifika mill-gdid. L-imputat Zammit Tabona kien wiegeb ghas-sejha tac-citazzjoni, anke jekk f'isem "Arthur" (li jidher li hu isem missieru) flok "Anthony Barnet", b'mod li l-funzjoni principali ta' l-istess citazzjoni – dik ta' "avviso a comparire" – kienet giet ezawrita. Kif jirrizulta mill-verbal a fol. 6, huwa deher fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2007 b'mod li kkonferma li c-citazzjoni – notifikata lilu, kif jirrizulta mir-riferta ezibita llum, qabel l-1 ta' Marzu 2007[3] – kienet effettivament issejjah lilu, ghax kieku ma kinitx issejjah lilu ma kienx jidher. Galadarba l-imputat ikun wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-citazzjoni, kif inghad il-funzjoni principali ta' l-istess citazzjoni tkun intlahqet, b'mod ghalhekk li n-notifika tkun saret validament anke jekk f'isem li mhux ezatt dak ta' l-imputat, u ma kien hemm lok ta' ebda notifika mill-gdid. F'dan is-sens ippronunzjat ruhha diversi drabi din il-Qorti – ara, fost hafna ohrajn, **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** 25/07/1994, **Il-Pulizija v. Benny Zaffarese u Anna Zaffarese** 13/01/1995, **Il-Pulizija v. Rose Jane Zammit** 03/02/1995. Fil-kaz ta' **Zaffarese** inghad in partikolari hekk:

**"Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi whud minnhom kienu zbaljati, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe` li sservi ta' 'avviso a comparire', twettqet u giet ezawrita meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel qorti fis-seduta tal-5 ta' April 1991. Il-fatt li wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-**

[3] L-1 ta' Marzu 2007 kienet id-data meta originarjament kellha tinzamm is-seduta ta' San Giljan.

**citazzjoni anqas ma kien jintitola lill-imputat li jitlob xi korrezzjoni fic-citazzjoni – haga li, del resto, l-imputat ma talabhiex – peress li bid-dehra tieghu kien qed jikkonferma li c-citazzjoni ssejjah lilu.”**

Isegwi, ghalhekk, li l-preskrizzjoni giet interrotta fil-konfront ta’ l-imputat Zammit Tabona – appellat odjern – f’data entro t-terminu ta’ tlett xhur mill-10 ta’ Frer 2007, u n-notifka “mill-gdid” ordnata fis-17 ta’ Mejju 2007 kienet superfluwa. Bil-korrezzjoni mitluba mill-prosekuzzjoni – u jinghad li l-prosekuzzjoni ghamlet sew li talbet tali korrezzjoni proprju biex in segwitu ma jinqalghux problemi dwar l-ezegwibbilita` tas-sentenza jekk din tinghata f’isem “Arthur Zammit Tabona” – l-appellat odjern ma seta’ gie pregudikat b’ebda mod fid-difiza tieghu, u hu ghalhekk li ma kien hemm lok ta’ ebda notifika mill-gdid.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali in kwantu jirrigwarda lill-appellat Anthony Barnet Zammit Tabona u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu tikkoncerna lilu b’mod li tiddikjara li l-azzjoni fil-konfront tieghu ma hix preskritta peress li hu gie debitament notifikat bic-citazzjoni ghall-finijiet u effetti kollha ta’ l-Artikolu 687(2) tal-Kap. 9 entro t-tlett xhur mid-data ta’ l-allegati reati; u tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din tipprocedi skond il-ligi fil-konfront ta’ l-istess Anthony Barnet Zammit Tabona u konformoment ma’ dak hawn aktar ‘l fuq deciz fir-rigward ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fl-ahharnett il-Qorti tikkonferma d-digriet taghha tat-12 ta’ Ottubru 2007 fir-rigward tal-ko-imputat Henry Gerada Azzopardi fis-sens li l-proceduri kontra dan jibqghu *sine die*, riappuntabbli fuq talba ta’ l-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------